MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2005

Numru 812/2000

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Silvio Valletta)**

**vs**

**Anthony Borg u Christopher Cassar**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra Anthony Borg bin Anthony u Speranza nee’ Caruana imwieled Pieta’ ta’ karta ta’ identita’ numru 387970M u Christopher Cassar bin Carmelo u Gracie nee’ Lia imwieled Pieta’ ta’ karta ta’ identita’ numru 300472M, akkuzati talli f’dawn il-Gzejjer, f’dawn l-ahhar snin,

b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. f'diversi inhawi f'dawn il-gzejjer fi snin ta' qabel it-12 ta' Dicembru, 2000, f'hinijiet differenti, zammew jew esercitaw kummerc ta' istituzzjoni finanzjarja f'Malta jew minn Malta, minghajr licenza moghtija mill-Awtorita' kompetenti specifikata fl-Att XXII ta' l-1994, dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjari, Kapitolu 376 tal-Ligijiet ta' Malta;

Kontra Anthony Borg wahdu:

2. talli f'Malta, f'diversi bnadi, matul dawn l-ahhar xhur bil-mezz ta' karta miktuba, sew jekk anonima, kemm jekk tkun iffirmata bl-isem tieghu nnifsu jew b'isem mahluq, hedded lil diversi nies, b'delitt;

3. talli f'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer, fl-istess cirkostanzi u f'hinijiet differenti, uza l-vjolenza sabiex igieghel lil xi hadd jaghmel, ihalli ssir, jew jonqos milli jaghmel xi haga;

4. talli f'Malta, f'diversi bnadi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara hija ta' aktar minn hamsin lira maltin izda li ma tiskorriex il-hames mitt lira, ghad-dannu ta' diversi nies differenti;

5. talli jinsab recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti liema sentenzi huma definitivi u li ma jistghux jigu mibdula;

6. fl-ahhar nett talli kkommetta diversi reati waqt il-perjodu operattiv ta' diversi sentenzi sospizi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati;

Rat l-awtorizzazjoni tal-Avukat Generali biex jittiehdu dawn l-proceduri kontra l-imputati ai termini tal-Kap fuq citat;

Rat ir-rinviju tal-Avukat Generali li bih irrinvija l-atti lil din il-Qorti bhala wahda ta' Gudikatura Kriminali sabiex

tiddecidi, ghab-bazi tal-Artikoli tal-Ligi minnu hemm citati, dwar il-htija jew htijiet o meno tal-imputati;

Semghet lill-imputati jaghtu l-kunsens sabiex il-kawza titkompla tinstema' u tigi deciza minn dina l-Qorti fil-kwalita premessa;

Semghet ix-xhieda kollha;

Rat l-atti u d-dokumenti.

Ikkonsidrat:

Il-Qorti ser tibda biex titratta l-ewwel akkuza impustata fuq l-Kap 376, komuni ghaz-zewg imputati, liema akkuza takkuzhom li zammew jew ezercitaw kummerc ta' 'Istituzzjoni Finanzjarja' minghajr awtorizzazjoni ta' l-Awtorita kompetenti, li dak iz-zmien kien il-Bank Centrali, u dan bi vjolazzjoni tal-Kap citat. Skond dan il-Kap, 'Istituzzjoni Finanzjarja' tfisser kull persuna, de proprio jew qua societa', kemm jekk inkorporata jew le, li abitualment u inter alia, ssellef flus.

Mill-provi imresqa jirrisulta wisq car li l-prosekuzzjoni qeghdha tallega kontra l-imputati l-esercizzju ta' dan in-negozju ta' self, f'isimhom proprio u bhala attivita' abitwali taghhom, fil-konfront ta' diversi persuni u f'ammonti li f'xi kazijiet kienu wkoll sostanzjali u dan meta ma kienux societa kummercjali kif kontemplata fl-istess citat Kap, Artikolu 2, u f'kull kaz minghajr licenza tal-Bank Centrali.

L-elementi kostituttivi tar-reat, l-licenza u l-attivita' projibita, jinsabu esawrientement pruvati kontra z-zewg imputati, jekk xejn fuq l-iskorta tax-xhieda (almenu sbatax il-persuna) li kollha stqarrew li huma kienu jsselfu flus minghand l-imputati jew min fosthom.

Waqt li fil-konfront tal-imputat Anthony Borg dan johrog esklusivament u wisq car mix-xhieda stante li esercita d-

dritt tieghu li ma jwiegeb ghall-ebda domanda waqt l-interrogatorju u ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri, mhux l-istess l-imputat l-iehor li mill-pussess tieghu gew anke elevati kotba kontenenti konteggi u notamenti u li fil-kors tal-istqarrija tieghu kkonferma li fihom kien izomm notamenti tal-flus li jkun hareg u dak li ghandu jiehu u dan almenu fil-konfront ta' ktieb wiehed tal-qoxra l-blu bl-ittra 'B' fuqu.

F'dan l-istadju din il-qorti thoss li jkun esercizzju futili li tidhol fid-dettal tax-xhieda imressqa anke ghaliex l-imputati mhumiex qeghdin jigu akkuzati dwar is-self 'per se' fis-sens tal-modalitajiet tal-istess u l-imghax li kienu jesigu. Bhala prassi kienu jitolbu pagamenti fil-gimgha, penali ghad-dewmien u r-restituzzjoni tal-kapital mitlub. Dan pero' huwa irrilevanti ghall-akkuza in disamina stante illi f'kull kaz l-uzurja ma kinitx reat dak iz-zmien. Il-fatt rilevanti jibqa' li fit-termini ta' din l-akkuza l-prosekuzzjoni forniet provi sal grad rikjest li ma jhallu ebda dubbju li l-imputati ittrasgredew id-dettami tal-Kap 376 b'dan li l-ewwel akkuza tinsab pruvata kontra taghhom it-tnejn.

Ikkonsidrat:

Li l-akkuzi l-ohra jolqtu biss l-imputat Anthony Borg. Dawn huma prospettati taht:
- l-Artikolu 249(1) – theddid bil-mezz ta' kitba;
- l-Artikolu 251 – vjolenza kontra l-privat;
- l-Artikolu 325(b) – hsara volontarja;
- l-Artikolu 49 u 50 – recidiva;
- l-Artikolu 28B – ksur tal-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza.

Ilkoll taht il-Kap 9.

Fil-kuntest ta' dawn l-akkuzi u l-provi in atti din il-qorti mhux qeghdha issib li jirrisultaw l-akkuzi prospettati taht l-Artikolu 249(1) u 251 stante li ghalkemm theddid minn naha ta' dan l-imputat kien hemm, f'xi cirkostanzi anka theddid serju, dan la qatt rrisulta li sar permezz ta' xi kitba

u/jew in konsegwenza ta’ xi rikatt. It-theddid sussistenti jaqa, fil-fehma taghha, bhala offiza kontravenzjonali li izda inkluza fl-artikoli tal-ligi citati mill-Avukat Generali fir-rinviju relattiv. Inghad dan pero’, trattasi li r-reat (dak kontravenzjonali ta’ theddid) huwa wiehed minuri u involut, din il-qorti xorta ser issib htija fl-imputat izda taht l-Artikolu 339(b)(d)(e) tal-Kap 9.

Fir-rigward il-hsara volontarja din tirrisulta li sehhet f’cirkostanza wahda u l-imputat hallas l-hsara kollha li kien kkaguna li ma jidhirx kienet xi hsara sostanzjali.

In kwantu ghar-recidiva din tinsab altru li pruvata; mhux ukoll izda li r-reat jew reati gew kommessi fil-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza stante illi minn imkien ma rrizulta fil-konfront dan l-imputat iz-zmien li fih inghad li gew kommessi l-odjerni reati jew reati. Dan taz-zmien ma jirrisulta mkien, la mix-xhieda u l-anqas mill-att tal-akkuza li tistqarr biss generikament li r-reat jew reati sehhew ‘f’dawn l-ahhar snin’ u dana fil-waqt li skond is-sentenzi esebiti in atti (senjatament id-dok.ti DS 8 u DS9) l-perjodu operattiv baqa operattiv sa mhux oltre l-14 ta’ Jannar 2000 cjoe’ cirka sena qabel ma gew intavolati l-proceduri odjerni.

Ikkonsidrat:

Li ghal dik li hi piena l-qorti hi tal-fehma li ghandha tadotta piena pekunjarja mehud in konsiderazzjoni li n-negozju ta’ self li fih kienu involuti l-imputati ma kienx wiehed fejn kienu jmorru ifittxuh huma izda ghal kuntrarju kienu jkunu ‘l-klienti’ stess li kienu jfixxuhom - fil-maggoranza tal-kazi biex jissodisfaw iz-ziena taghhom ghall-loghob tal-azzard. Oltre dan l-imputat Christopher Cassar ghandu fedina penali nadifa waqt li Anthony Borg gja tilef Lm10,000 depositu ghal helsien mill-arrest u ghamel circa seba xhur arrestat in konessjoni ma dan il-kaz.

Ghaldaqstant, tiddecidi, wara li rat l-Artikolu 3, 22(1)(2)(3) tal-Kap 376, l-Artikolu 18, 49,50 u 339(b)(c)(d)(e) tal-Kap 9, dawn taht l-Kap 9 fil-konfront tal-imputat Anthony Borg, li tikkundanna lill-istess Anthony Borg multa komplessiva ta' Lm5000, dan fil-konfront tal-ewwel, ir-raba u l-hames akkuza u dik kontravenzjonali (offiza minuri u involuta fit-tieni u t-tielet akkuza) u lill-imputat Christopher Cassar multa ta' Lm2000 fir-rigward l-ewwel akkuza. Tillibera lill-imputat Anthony Borg mill-kumplament tal-akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------